**Illum erfajtek Mulej**

Xi grazzja tajtni llum Mulejja
Li nerfgħek waqt il-purċissjoni,
Li saret fil-parroċċa tagħna
Li biha tajtni l-aqwa lezzjoni.

Hemm arak hekk umli u fqajjar
Kif preżenti fl-Ewkaristija,
Tehmiżni ħa nersaq lejk sabiex
Minnhekk nitgħallem it-tjubija.

U int f'dik is-siekta setgħana
Għaddej mill-wita u mit-tlajja,
U dan kollu tagħmlu għalija
Ħalli fiss teħlisni mit-tbajja.

Titħallat mat-tfal u maż-żgħażagħ
Mal-kbar, max-xjuħ u ma' kull età,
U dan kollu int tagħmlu Ġesù
Biex turina mħabbtek b'serjetà.

Fis-skiet qed naralek ma'wiċċek
Demgħa sabiħa, wisq profonda,
Tixref ħarsek mimlija ħniena
Lejn mara mnikkta b'mażra m'għonqa.

Qed nara idejk delikati
Iħabbtu bil-mod fuq dak il-bieb,
Jittamaw li forsi jinfetaħ
U terġa' tidħol arja tal-ħbieb.

Għalkemm qed nieħdok lejn il-Knisja
Naf li se toħroġ tiġri 'l barra,
Sewwa tagħmel Ġesù, ibq'oħroġ
Ħa tifdi u tgħannaq 'l min żgarra.

Patri Mario Attard OFM Cap
10 ta' Ġunju 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.